**IL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI ISTRUTTORJA**
**(Fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejha l-Qorti Rimandanti)**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag.Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dr. Mario Cuschieri)**
**(Spettur Mark Galea)**
**-vs-**
**Roland Istvan GABOR**

Illum, 12 ta' Lulju, 2018

Il-Qorti,

Wara li rat li l-Pulizija ressqu b'arrest lil **Roland Istvan GABOR, detentur tal-karta tal-identita` Ungeriza numru 868164TA u dokument ta' residenza Maltija numru MT0650401,** aktar il-quddiem imsejjah l-estradant;

Wara li rat is-*Schengen Information System Alert*[1] mahrug fuq talba tal-Qorti ta' Kaposvar, fl-Ungerija, datat it-30 ta' Novembru, 2017, pajjiz skedat a tenur ta' l-Artikolu 5 ta' l-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni, Avviz Legali 320 ta' l-2004 (Ligi Sussidjarja 276.05), wara li rat il-Mandat t'Arrest mahrug mill-Qorti

[1] Senjatament is-Supplementary Information - **Form A** mmarkata bhala **Dok MC4**

Distrettwali ta' Kaposvar nhar is-17 ta' Novembru, 2017,[2] u wara li rat ic-Certifikat mahrug mill-Avukat Generali a tenur ta' l-Artikolu 7 tal-istess Ordni mahrug fis-7 ta' Marzu, 2018;[3]

Wara li rat il-verbal ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, tal-11 ta' Lulju, 2018;

Wara li rat li c-Certifikat tal-Avukat Generali fuq imsemmi jirreferi biss ghall-allert mahrug fuq talba tal-Qorti ta' Kaposvar u ghalkemm minbarra l-Mandat t'Arrest mahrug mill-Qorti ta' Kaposvar, gew esebiti wkoll - bil-lingwa Ingliza – zewg Mandati t'Arrest Ewropej ohra mahruga (a) mill-Qorti Distrettwali ta' Baja nhar il-15 ta' Jannar, 2018;[4] u (b) mill-Qorti Distrettwali ta' Pecs nhar is-27 ta' Dicembru, 2017[5], ma gewx prezentati Certifikati tal-Avukat Generali a tenur ta' l-Artikolu 7 ta' l-Ordni fir-rigward ta' dawn iz-zewg mandati t'arrest;

Wara li ai termini tal-artiklu 11 ta' l-Ordni, gie spjegat lill-estradant l-import ta' l-Artikolu 43 ta' l-Ordni, u gie assigurat li d-disposizzjonijiet tal-istess artikolu gew osservati u miftehma mill-estradant;

Wara li semghet lill-estradant jiddikjara li qed jaghti l-kunsens tieghu sabiex jintbaghat lura l-Ungerija u li mhux qed jirrinunzja ghad-dritt ta' specjalità koncess ai termini ta' l-Artikolu 18 ta' l-Ordni fuq imsemmi, u cioe` li t-treggieh lura tieghu qed issir esklussivament u limitatament in konnessjoni mar-reati addebitati bil-mandat t'arrest citat fl-istess allert, li dwaru inhareg ic-Certifikat tal-Avukat Generali ai termini tal-Artiklu 7 ta' l-Ordni, u cioe` dak mahrug nhar is-17 ta' Novembru, 2017, mill-Qorti ta' Kaposvar fl-Ungerija;[6]

Wara li rat l-artikolu 15(5) tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta, kif rez applikabbli bl-artikolu 44 ta' l-Ordni;

---

[2] **Dok. MC14** a fol. 58-62

[3] **Dok. MC1** a fol. 6

[4] Fol. 46 *tergo*-53 anness **f'Dok. MC12**;

[5] Fol. 62 *tergo* a 66 anness ma **Dok. MC14**- Mandat t'Arrest distint mahrug mill-Qorti ta' Kaposvar.

[6] **Dok. MC14** a fol. 58-62

Tordna li ai temini tal-artikolu 45 ta' l-Ordni Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni, Avviz Legali 320 ta' l-2004 (Ligi Sussidjarja 276.05), l-estradant ghandu jinzamm taht arrest sabiex jitregga' lura lejn l-Ungerija fi zmien ghaxart ijiem millum.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**